



# UNJONI EWROPEA

IL- PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 9 ta' Jannar 2008  
(OR. en)

2007/0128 (COD)

PE-CONS 3698/07

DENLEG 140  
CODEC 1469

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel**

**REGOLAMENT (KE) Nru .../2008**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tal-....

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1924/2006**  
**dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> Opinjoni tas-26 ta' Settembru 2007 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>2</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2007 (għadha mhux pubblikata fil-ĠU) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-... .

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006<sup>1</sup> jistabbilixxi regoli dwar l-użu ta' dawn l-allegazzjonijiet fl-ittikkettjar, fil-preżentazzjoni u fir-reklamar ta' l-ikel.
- (2) Indikazzjonijiet dwar is-saħħa huma pprojbiti sakemm dawn ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi stipulati bir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u sakemm ma jkunux inklużi fil-listi Komunitarji ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa awtorizzati. Dawn il-listi ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa għadhom iridu jiġu stabbiliti wara l-proċeduri mniżżla fir-Regolament. B'konsegwenza ta' dan, dawn il-listi mhumiex se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2007, id-data ta' l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.
- (3) Għal din ir-raġuni, ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jipprevedi miżuri tranżitorji għal indikazzjonijiet dwar is-saħħa għajr għal dawk li jirreferu għat-tnaqqis ta' riskju ta' mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal.
- (4) Fir-rigward ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa li jirreferu għat-tnaqqis ta' riskju ta' mard, ma huma meħtieġa l-ebda miżuri tranżitorji. Minħabba l-projbizzjoni ta' indikazzjonijiet li jirreferu għall-prevenzjoni, it-trattament u l-kura ta' marda bid-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-aprossimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-tikkettar, il-preżentazzjoni u r-riklamar ta' l-oġġetti ta' l-ikel<sup>2</sup>, u l-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' allegazzjonijiet li jirreferu għat-tnaqqis ta' riskju ta' mard bir-Regolament (KE) Nru 1924/2006, prodotti li jkun fihom tali allegazzjonijiet ma kellhomx ikunu fis-suq Komunitarju.

---

<sup>1</sup> ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9. Verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 12, 18.1.2007, p. 3.

<sup>2</sup> ĠU L 109, 6.5.2000. p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/68/KE (ĠU L 310, 28.11.2007, p. 11).

- (5) Il-kategorija ta' indikazzjonijiet li jirreferu għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal kienet introdotta fi stadju tard ħafna tal-proċedura għall-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, mingħajr ma pprevediet miżuri tranżitorji. Madankollu, prodotti li għandhom tali indikazzjonijiet huma diġà preżenti fis-suq Komunitarju.
- (6) Sabiex jiġi evitat tfixkil fis-suq, huwa għalhekk xieraq li l-istess miżuri tranżitorji li jgħoddu għall-indikazzjonijiet ta' saħħa oħrajn ikunu jgħoddu wkoll għall-indikazzjonijiet li jirreferu għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Minkejja l-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2000/13/KE, l-indikazzjonijiet li ġejjin jistgħu jsiru fejn ġew awtorizzati b'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikoli 15, 16, 17 u 19 ta' dan ir-Regolament għall-inklużjoni f'lista Komunitarja ta' tali allegazzjonijiet permessi flimkien mal-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-użu ta' dawn l-indikazzjonijiet:

- (a) tnaqqis fl-indikazzjonijiet ta' riskju ta' mard,
- (b) indikazzjonijiet li jirreferu għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal.";

(2) Fl-Artikolu 28(6), is-sentenza tal-bidu għandha tinbidel b'dan li ġej:

'Indikazzjonijiet dwar is-saħħa minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 13(1)(a) u fl-Artikolu 14(1)(a), li ntużaw b'konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu soġġetti għal dan li ġej:";

## *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---